



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.7.2020  
COM(2020) 329 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Approċċ ġdid tal-istrateġija marittima għall-Atlantiku - Pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku  
2.0**

*Pjan ta' azzjoni għal ekonomija blu sostenibbli, reżiljenti u kompetittiva fiż-żona tal-  
Atlantiku tal-Unjoni Ewropea*

{SWD(2020) 140 final}

## WERREJ

1. INTRODUZZJONI .....	2
2. VIŻJONI KOMUNI GĦAL EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI, REŻILJENTI U KOMPETITTIVA FIŻ-ŻONA TAL-ATLANTIKU TAL-UE .....	3
3. PILASTRI .....	4
PILASTRU I: IL-PORTIJET BĦALA PORTALI U ĊENTRI GĦALL-EKONOMIJA BLU 4	
Għan nru 1: Il-portijiet bħala portali għall-kummerċ fl-Atlantiku .....	5
Għan nru 2: Il-portijiet bħala katalisti għan-negozju.....	5
PILASTRU II: IL-HILJET BLU TAL-FUTUR U L-GĦARFIEN DWAR L-OĊEANI.....	6
Għan nru 3: Edukazzjoni, taħriġ u taġġim ta' kwalità tul il-ħajja.....	6
Għan nru 4: L-għarfien dwar l-oċeani .....	6
PILASTRU III: L-ENERĠIJA RINNOVABBLI MILL-BAĦAR .....	8
Għan nru 5: Il-promozzjoni tan-newtralità tal-karbonju permezz tal-enerġija rinnovabbli mill-baħar .....	8
PILASTRU IV: OĊEANI B'SAĦĦITHOM U KOSTI REŻILJENTI.....	9
Għan nru 6: Reżiljenza kostali aktar b'saħħitha.....	10
Għan nru 7: Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar .....	10
4. IL-GOVERNANZA TAL-PJAN TA' AZZZJONI.....	11
4.1. KOORDINAZZJONI .....	11
4.2. IMPLIMENTAZZJONI U RAPPORTAR .....	11
4.3. IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FONDI U TAL-FINANZJAMENT .....	13
5. LINKS USA' U BREXIT .....	14
6. KONKLUŻJONI.....	14

## 1. INTRODUZZJONI

L-istrateġija marittima tal-Atlantiku<sup>1</sup> ġiet adottata fl-2011 biex tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu fl-Istati Membri tal-UE li jagħtu fuq l-Atlantiku. Fl-2013, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' azzjoni<sup>2</sup> għall-Atlantiku biex timplimenta l-istrateġija. Biex tingħata spinta lil ekonomija marittima sostenibbli li toħloq l-impjiegi, wasal iż-żmien li jseħħ aġġornament tal-prijoritajiet għal kooperazzjoni reġjonali, b'segwitu għall-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati, u bħala kontribuzzjoni friska għall-irkupru tal-Ewropa mill-kriżi soċjoekonomika bla preċedent li skattat bil-pandemija attwali tal-COVID-19.

L-Ekonomija Blu fl-Oċean Atlantiku ġġenerat EUR 73.4 biljun ta' Valur Miżjud Gross (GVA) u impjegat 1.29 miljun persuna fl-2017. Huwa l-akbar baċir tal-baħar fl-UE li jirrappreżenta 36 % tal-GVA tal-Ekonomija Blu tal-UE. Diversi setturi tal-ekonomija Blu fiż-żona tal-Atlantiku huma mistennija li se jbagħtu l-konsegwenzi tal-kriżi attwali; notevolment it-turiżmu kostali u marittimu li huwa l-akbar settur tal-Ekonomija Blu tal-Atlantiku. Dan jiġġenera EUR 27 biljun f'termini ta' GVA iġġenerat u jimpjega 0.76 miljun persuna.

B'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni Ewropea diġà adottat serje ta' miżuri. Notevolment l-aktar biex tgħin fit-tiswija tal-ħsara ekonomika u soċjali li ġabet magħha l-pandemija tal-coronavirus kif ukoll biex tagħti impetu qawwi ħalli l-Ewropa tirkupra u jiġu mħarsa u jinħolqu l-impjiegi, fis-27 ta' Mejju, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta ta' rkupru b'saħħtu għall-Ewropa. Biex jiġi żgurat li l-irkupru jkun sostenibbli, ekwu, inklużiv u ġust għall-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li toħloq strument ta' rkupru ġdid, Next Generation EU,<sup>3</sup> ta' EUR 750 biljun inkorporat f'baġit fit-tul tal-UE b'saħħtu, modern u mġedded.

L-isforzi ta' rkupru tal-UE huma ċċentrat fuq il-kunċett tas-sostenibbiltà, li jirfed il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>4</sup> adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2019. Dan il-pakkett ambizzjuż ta' miżuri, għandu l-għan li jagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali fir-rigward tal-klima sal-2050 u li jagħti spinta lis-saħħa tal-pjaneta, l-ekonomija u n-nies tagħna.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza r-rwol ċentrali tal-ekonomija blu bħala mezz kritiku li jippermetti li jintlaħqu dawn l-għanijiet. Ir-rwol tal-oċeani fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar. Is-settur tal-ekonomija blu jista' jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, b'mod partikolari billi jisfrutta l-potenzjal dejjem jikber tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u jimmaniġġja l-ispazju marittimu b'mod aktar sostenibbli.

Barra minn hekk dan is-settur jista' jikkontribwixxi biex ittaffi t-tibdil fil-klima billi jippromwovi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u jtejjeb l-użu tar-riżorsi akkwatiċi u tal-baħar pereżempju billi jippromwovi l-produzzjoni u l-użu ta' sorsi ġodda ta' proteini li jistgħu jtaffu l-pessjoni fuq l-art agrikola. Għal dak il-għan, bħala parti fundamentali mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, fl-20 ta' Mejju adottat l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>5</sup> bi skop li tippoteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea adottat ukoll l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>6</sup> għal sistema tal-ikel ekwa, b'saħħitha u ekoloġika.

<sup>1</sup> COM(2011) 782 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:52011DC0782>

<sup>2</sup> COM(2013) 279 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1395674057421&uri=CELEX:52013DC0279>

<sup>3</sup> COM(2020) 456 final

<sup>4</sup> COM(2019) 640 final

<sup>5</sup> COM(2020) 380 final

<sup>6</sup> COM(2020) 381 final

Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi ta' rkupru, l-UE adottat ukoll linji gwida dwar it-turiżmu biex l-Ewropa kollha tkun tista' tibbenefika minn staġun turistiku mistrieħ u fuq kollox, wieħed sikur. Il-komunikazzjoni dwar it-Turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn minnha tissotolinja wkoll l-importanza li jiħares u jiħi restawrat il-kapital naturali tal-art u tal-ibħra tal-Ewropa, f'konformità mal-approċċ strateġiku għal ekonomija blu u ekoloġika sostenibbli.


Il-pjan ta' azzjoni rivedut jikkontribwixxi għall-isforzi ta' rkupru fl-ekonomija blu b'lenti fuq is-setturi li jikkombinaw trasformazzjoni sostenibbli b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi fil-komunitajiet kostali tal-Atlantiku. Pereżempju, apparti mill-promozzjoni tat-turiżmu kostali sostenibbli, it-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli offshore toffri opportunitajiet ta' impjieg sinifikanti fl-Atlantiku. It-trasport marittimu ekoloġiku u attivitajiet portwarji innovattivi kif hemm issuġġerit f'dan il-pjan ta' azzjoni, se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-marka tal-karbonju uman u ambjentali.

Il-pjan ta' azzjoni huwa r-riżultat ta' proċess twil li beda b'rieżami ta' nofs it-terminu<sup>7</sup> ippubblikat fl-2018 u li kien segwit minn konsultazzjonijiet 'minn isfel għal fuq'<sup>8</sup> mal-partijiet interessati u l-Istati Membri tal-Atlantiku. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu wera li l-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku wassal għal aktar minn 1,200 proġett marittimu ġdid u kważi EUR 6 biljun f'investimenti, l-aktar mill-baġit tal-UE. Enfasizza wkoll il-bżonn għal titjib fir-rigward tal-lenti tematika tal-pjan, l-istruttura governattiva u l-introduzzjoni ta' qafas ta' monitoraġġ.

## 2. VIŻJONI KOMUNI GĦAL EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI, REŻILJENTI U KOMPETITTIVA FIŻ-ŻONA TAL-ATLANTIKU TAL-UE

L-għan ta' dan il-pjan ta' azzjoni rivedut għall-Atlantiku 2.0 huwa li jiħi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija blu fiż-żona tal-Atlantiku filwaqt li jiħu ppreservati l-ekosistemi tal-baħar u jingħata kontribut għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan huwa konformi mal-impenji globali għall-iżvilupp sostenibbli u integrat bis-sħiħ fil-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019 - 2024, b'mod partikolari Patt Ekoloġiku Ewropew, Ekonomija li taħdem għan-nies u Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.

Il-pjan ta' azzjoni għandu l-ambizzjoni li jikseb seba' għanijiet taħt erba' pilastri tematiċi permezz ta' azzjonijiet konkreti li jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-Atlantiku:



<sup>7</sup> SWD(2018) 49 final, [https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/sites/maritimeaffairs/files/swd-2018-49\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/maritimeaffairs/sites/maritimeaffairs/files/swd-2018-49_en.pdf)

<sup>8</sup> Il-Kummissjoni Ewropea organizzat sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma dedikati għall-partijiet ikkonċernati fi Gran Canaria (Spanja), Viana do Castelo (il-Portugall), Dublin (l-Irlanda), Liverpool (ir-Renju Unit) u Bordeaux (Franza) bejn Settembru u Novembru 2018. Ir-riżultati tas-sessjonijiet ta' ħidma huma disponibbli online: <https://webgate.ec.europa.eu/maritimeforum/en/node/4400>

### 3. PILASTRI

Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid jinkludi erba' pilastri, li jirrappreżentaw mod prattiku biex il-viżjoni komuni ssir realtà. Huma interkonnessi b'mod integrali u transreġjonali min-natura tagħhom. Dawn l-erba' pilastri jindirizzaw sfidi ewlenin u jimmiraw li jrawmu t-tkabbir blu sostenibbli u jikkontribwixxu għal kooperazzjoni territorjali u koeżjoni akbar fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE. L-attivitajiet ta' riċerka implimentati bħala parti mid-dikjarazzjonijiet ta' Galway<sup>9</sup> u Belém<sup>10</sup> u l-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Trans-Atlantiku<sup>11</sup> jikkonċernaw il-pilastri kollha. Jagħtu dimensjoni internazzjonali lill-pjan ta' azzjoni u jappoġġaw l-implimentazzjoni tiegħu billi jtejbju l-fehim ta' Oċean Atlantiku dejjem jinbidel u l-effetti tiegħu fuq il-komunitajiet kostali u billi jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi.

Il-pilastri jiffukaw fuq kwistjonijiet li reġun kostali wieħed u Stat wieħed ma jistgħux isolvu waħedhom jew fejn huwa aktar effettiv li tittieħed azzjoni konġunta u li jingħelbu l-isfidi li huma importanti fil-ħajja ta' kuljum ta' persuni li jgħixu fiż-żoni kostali.

Ir-reazzjonijiet li waslu mill-proċess ta' konsultazzjoni u d-diskussjonijiet mal-ħames Stati Membri tal-UE għenu biex jiġu identifikati **għanijiet u azzjonijiet** speċifiċi, iżda interkonnessi u li jsaħħu lil xulxin. L-għanijiet u l-azzjonijiet miftiehma mhumiex eżawrjenti.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni jispjega fid-dettall l-azzjonijiet konkreti u l-mogħdijiet korrispondenti għall-implimentazzjoni taħt kull pilastru.

#### **PILASTRU I: IL-PORTIJET BĦALA PORTALI U ĊENTRI GĦALL-EKONOMIJA BLU**

It-turiżmu kostali, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, kif ukoll l-industriji li qed jikbru bħall-enerġija rinnovabbli tal-baħar, huma kkonċentri fuq l-attività tal-portijiet jew huma marbutin mill-qrib magħha. Il-portijiet jista' jkollhom rwol ewleni fl-iżvilupp sostenibbli ta' dawn is-setturi u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr karbonju. Sabiex tinħataf din l-opportunità, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rwol u l-potenzjal tal-portijiet tal-Atlantiku. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-operaturi tal-portijiet bħala katalisti għan-negozji l-blu. Min-naħa l-oħra, il-portijiet iridu jikkooperaw bejniethom biex jimmobilizzaw il-finanzjament għall-infrastrutturi intelliġenti u jippjanaw aħjar l-iżvilupp tal-kapaċità biex jakkomodaw it-tkabbir tal-kummerċ.

L-innovazzjoni marittima tista' tgħin fid-dekarbonizzazzjoni tas-sorsi marittimi. Pereżempju, hemm teknoloġiji disponibbli li jnaqqsu l-karbonju prodott mill-bastimenti. Dawn jinkludu t-teknoloġiji tal-gass naturali likwifikat, tal-produzzjoni tal-idroġenu, tal-lubrikazzjoni bl-arja, tal-propulsjoni bir-riħ u tal-egżost. L-installazzjoni ta' infrastruttura għall-iċċarġjar u l-għoti tal-fjuwil għal fjuwils alternattivi fil-portijiet u t-terminals tal-merkanzija, inkluż għal bastimenti rmiġġati ttejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tal-arja fil-komunitajiet kostali.

Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati hawn fuq, il-pilastru jinkludi **żewġ għanijiet speċifiċi** u sett ta' azzjonijiet konkreti.

<sup>9</sup> Fl-24 ta' Mejju 2013, l-Unjoni Ewropea, il-Kanada u l-Istati Uniti ffirmaw ftehim fuq il-Kooperazzjoni fir-rigward tal-Oċean Atlantiku. [http://ec.europa.eu/research/iscp/pdf/galway\\_statement\\_atlantic\\_ocean\\_cooperation.pdf#view=fit&pagemode=none](http://ec.europa.eu/research/iscp/pdf/galway_statement_atlantic_ocean_cooperation.pdf#view=fit&pagemode=none)

<sup>10</sup> Fit-13 ta' Lulju 2017, l-Unjoni Ewropea, il-Brażil u l-Afrika t'Isfel iffirmaw id-dikjarazzjoni ta' Belém u ffirmaw ftehim tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Oċean Atlantiku. [http://ec.europa.eu/research/iscp/pdf/belem\\_statement\\_2017\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/research/iscp/pdf/belem_statement_2017_en.pdf)

<sup>11</sup> AORA jinvolvi l-UE, l-Istati Uniti u l-Kanada. Bis-saħħa tal-AORA, illum, madwar 25 proġett li jinvolvu aktar minn 500 tim internazzjonali ta' riċerka diġà huma involuti fir-riċerka fl-Oċean Atlantiku. <https://www.atlanticresource.org/aora>

## Għan nru 1: Il-portijiet bħala portali għall-kummerċ fl-Atlantiku

### Azzjonijiet

- ▶ L-iżvilupp tal-Awtostradi tal-Baħar tat-TEN-T fl-Atlantiku
- ▶ Il-ħolqien ta' netwerk ta' portijiet ekoloġiċi sal-2025
- ▶ It-trawwim ta' konnessjonijiet tat-tbaħħir fuq distanzi qosra fiż-żona tal-Atlantiku biex l-Irlanda tiġi integrata aħjar
- ▶ It-tnedija ta' strateġija għall-Atlantiku dwar il-gass naturali likwifikat
- ▶ L-iżvilupp ta' skemi ta' ekoinċentivi biex titjeb l-infrastruttura tal-portijiet
- ▶ L-iżvilupp b'mod konġunt ta' pjanijiet għall-iskart u l-immaniġġjar għall-portijiet tal-Atlantiku

## Għan nru 2: Il-portijiet bħala katalisti għan-negozju

### Azzjonijiet

- ▶ L-iżvilupp ta' skema ta' aċċelleratur blu għall-portijiet tal-Atlantiku biex tgħin fl-iżvilupp ta' negozji innovattivi
- ▶ Il-qsim tal-aħjar prattiki, l-iskambju ta' ideat u l-indirizzar tal-problemi b'mod konġunt
- ▶ L-espansjoni tal-ġbir ta' *data* lil hinn mid-*data* tradizzjonali (loġistika)
- ▶ Iż-żieda tal-komunikazzjoni u d-disponibbiltà tad-*data* dwar il-potenzjal ekonomiku tal-portijiet

## PILASTRU II: IL-HILJET BLU TAL-FUTUR U L-GĦARFIEN DWAR L-OĊĊANI

Huwa essenzjali li jkun hemm sett tajjeb ta' ħiliet sabiex jittieħed vantaġġ mill-innovazzjoni u t-teknoloġiji blu jkunu jistgħu jintużaw malajr kemm jista' jkun. Offerta ta' edukazzjoni u taħriġ blu speċjalizzat ibbażata fuq skema ta' intelliġenza tan-negozju tista' tattira talent żagħżuġ lejn l-ekonomija blu, tistimula l-produttività u żżid il-kompetittività taż-żona tal-Atlantiku tal-UE.

Filwaqt li raggruppamenti speċjalizzati diġà joperaw fil-livell lokali u reġjonali, kooperazzjoni effiċjenti fil-baħir tal-baħar tista' tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' ħaddiema kkwalifikati biex tlaħħaq mad-domanda li qed tevolvi tas-suq tax-xogħol. Qasam ieħor ta' ffukar huwa l-għarfien dwar l-oċċani. Iċ-ċittadini li għandhom għarfien dwar l-oċċani jistgħu "jadattaw l-imġiba tagħhom ta' kuljum biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati u responsabbli li jippromwovu l-użu tajjeb tal-oċċani f'approċċ ta' kokreazzjoni"<sup>12</sup>.

Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati hawn fuq, il-pilastru jinkludi **żewġ għanijiet speċifiċi** u sett ta' azzjonijiet konkreti.

### Għan nru 3: Edukazzjoni, taħriġ u taġlim ta' kwalità tul il-ħajja

#### Azzjonijiet

- ▶ L-identifikazzjoni ta' lakuni fil-ħiliet blu fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE
- ▶ L-armonizzazzjoni tal-ġbir tad-*data* fil-qasam tal-karrieri blu
- ▶ Il-ħolqien ta' skema ta' intelliġenza tan-negozju u l-promozzjoni ta' ċentri ta' kollegament għal kooperazzjoni mtejbja bejn in-negozji u l-fornituri tat-taħriġ
- ▶ L-identifikazzjoni permezz ta' taġlim minn pari tal-aħjar Prattiki ta' pariġġar għal min iħaddem u għal min qed ifittex xogħol li jservu ta' ispirazzjoni
- ▶ It-teħid ta' vantaġġ mill-pjattaformi eżistenti tal-informazzjoni għall-opportunitajiet tax-xogħol u l-ħsad tal-potenzjal tagħhom għall-impjegi blu

### Għan nru 4: L-għarfien dwar l-oċċani

#### Azzjonijiet

- ▶ It-tnedija ta' kurrikulu pilota dwar l-għarfien dwar l-Oċċan Atlantiku
- ▶ Il-ħolqien ta' 25 skola blu tal-Atlantiku sal-2025
- ▶ L-implimentazzjoni ta' komponent tal-għarfien dwar l-oċċani (tixrid) fi proġetti rilevanti
- ▶ L-użu tal-Forum taż-Żgħażaġħ tal-Oċċan Trans-Atlantiku
- ▶ L-involviment ta' ċittadini f'azzjonijiet relatati mal-oċċani fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE
- ▶ L-involviment ta' ċittadini f'attivitajiet organizzati għall-Jum Marittimu Ewropew,

<sup>12</sup> Kif iddikjarat fl-istrateġija ta' implimentazzjoni transatlantika abbozzata mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Baħar dwar l-Għarfien dwar l-Oċċani tal-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċċan Trans-Atlantiku appoġġjata minn Orizzont 2020.





### **PILASTRU III: L-ENERĠIJA RINNOVABBLI MILL-BAĦAR**

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza r-rwol essenzjali tal-produzzjoni tar-riħ lil hinn mill-kosta għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali fir-rigward tal-klima. Huwa jenfasizza l-ħtieġa għal ġestjoni aktar sostenibbli tal-ispazju marittimu biex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-riħ lil hinn mill-kosta. Dan se jeħtieġ li nibnu fuq is-suċċess tal-kooperazzjoni reġjonali, li l-istrateġija marittima tal-Atlantiku u l-pjan ta' azzjoni tagħha qed jippromwovu b'mod attiv. F'din il-perspettiva, il-Kummissjoni se tippreżenta strateġija għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE fir-raba' kwart tal-2020. Din għandha tibni fuq, fost l-oħrajn, il-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku 2.0.

Iż-żona tal-Atlantiku tal-UE hija fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' sorsi ġodda tal-enerġija tal-baħar<sup>13</sup> u hija żona għall-ittejtjar tagħhom, speċjalment tal-enerġija mill-oċeani u mir-riħ lil hinn mill-kosta b'turbini li jżommu f'wiċċ l-ilma. Sabiex jintlaħaq il-pass li jmiss ta' żvilupp, jiġifieri l-maturità kummerċjali ta' prototipi ta' suċċess, huwa essenzjali li tinżamm it-tmexxija teknoloġika, jinżamm it-talent u tiġi pprovduta enerġija nadifa affordabbli filwaqt li jitqiesu l-impatti potenzjali fuq l-ambjent tal-baħar u l-mod kif dawn jittaffew.

Il-pajjiżi li qed jipparteċipaw fl-istrateġija marittima tal-Atlantiku żviluppaw kooperazzjoni b'saħħitha dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu.

Dan il-pilastru jirrispondi għal diversi sfidi interkonnessi, li għandhom iżidu l-aċċess għall-finanzi, jiksbu l-appoġġ politiku u l-aċċettazzjoni pubblika meħtieġa, jiffaċilitaw il-qsim tal-għarfien u jagħmlu użu mill-aħjar Prattiki fir-reġjun.

Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati hawn fuq, il-pilastru jinkludi **għan speċifiku wieħed** u sett ta' azzjonijiet konkreti.

#### **Għan nru 5: Il-promozzjoni tan-newtralità tal-karbonju permezz tal-enerġija rinnovabbli mill-baħar**

##### **Azzjonijiet**

- ▶ Jiġu stabbiliti objettivi speċifiċi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli mill-baħar fir-reġjuni tal-Atlantiku filwaqt li jitqiesu l-impatti ambjentali tagħhom
- ▶ Jiġu ddefiniti l-aħjar siti għall-parks tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar (inklużi parks tar-riħ lil hinn mill-kosta) u għall-portijiet biswithom tul l-Atlantiku, filwaqt li jittieħed kont tal-impatti potenzjali fuq l-ambjent tal-baħar
- ▶ Jiġu implimentati inċentivi għall-użu ta' installazzjonijiet innovattivi ta' enerġija rinnovabbli
- ▶ Jinġabru flimkien inizjattivi differenti dwar l-enerġija rinnovabbli mill-baħar li jkopru ż-żona tal-Atlantiku tal-UE, abbażi tal-filosofija tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) u biex jissoktaw l-objettivi tiegħu
- ▶ L-iżvilupp ta' kuxjenza pubblika bl-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni xierqa dwar l-enerġija rinnovabbli mill-baħar fl-Atlantiku

<sup>13</sup>L-enerġija rinnovabbli mill-baħar tinkludi l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (strutturi fissi mal-qiegħ u li jżommu f'wiċċ l-ilma) u mill-oċeani (enerġija mill-mewġ u mill-marea).

- ▶ It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-komunità Ewropea tal-enerġija mill-oċeani
- ▶ L-iżvilupp ta' qafas speċifiku tal-enerġija mill-oċeani għall-gżejjer tal-UE fl-Atlantiku

#### **PILASTRU IV: OĊEAN I B'SAĦĦITHOM U KOSTI REŻILJENTI**

Il-kosta Atlantika tal-UE hija vulnerabbli, meta jitqies l-għadd kbir ta' attivitajiet tal-bniedem f'din iż-żona. Il-maltempati, l-għargħar u l-erożjoni għandhom ukoll effetti detrimentalni fuq partijiet kbar tal-kosta u x'aktarx li se jkunu aggravati mit-tibdil fil-klima. Kemm l-oċeani kif ukoll il-krijosfera f'rapport dwar il-klima li qed tinbidel<sup>14</sup> mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>15</sup> u r-rapport annwali dwar l-istat tal-oċeani<sup>16</sup> mill-programm Copernicus għall-Osservazzjoni tad-Dinja<sup>17</sup> jibassru żieda kontinwa aċċellerata fil-livell tal-baħar u żieda fl-avvenimenti ta' temp estrem (mewġ tas-sħana fuq il-baħar, żidiet fil-maltempati).

Il-ġestjoni tar-riskju tal-klima u l-miżuri ta' adattament huma meħtieġa biex jipproteġu l-ħabitats kostali u l-bijodiversità, kif ukoll l-infrastruttura u l-attivitajiet ekonomiċi vulnerabbli. Il-ħabitats marittimi u kostali għandhom jiġu ppreservati u jingħataw valur, notevolment bi skop li jiġu żviluppati forom ġodda ta' turiżmu marittimu u kostali. F'dan is-settur ekonomiku partikolari, ekonomija ċirkolari, tniġġis żero, effiċjenza fl-enerġija u l-preservazzjoni tal-bijodiversità għandhom ikunu l-prinċipji gwida biex jiġu żviluppati prattiċi aktar sostenibbli li jibbenefikaw mill-iżvilupp lokali u impjiegi lokali matul is-sena kollha.

Għalkemm it-tbaħħir sar aktar sikur f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, it-tniġġis tal-baħar li jirriżulta minn tixrid intenzjonat u aċċidentali taż-żejt u sustanzi oħra ta' ħsara jibqas riskju għoli. Il-ġestjoni effettiva tar-riskju tat-tixrid u l-impatt tiegħu jeħtieġu kooperazzjoni transsettorjali u ħidma fil-livell reġjonali.

It-tniġġis tal-baħar u b'mod partikolari l-plastiks, huwa problema ewlenija oħra. Materjali siewja għar-riċiklaġġ qegħdin iniġġsu l-bajjiet tal-Atlantiku u jagħmlu ħsara lill-ambjent. Dawn jistgħu jinġabru u jiġu ppumpjati lura fl-ekonomija, u b'hekk jagħmluha aktar ċirkolari. Ir-reġjuni u ċ-ċittadini kostali jistgħu jżviluppaw reazzjoni Atlantika għall-iskart mormi fil-baħar permezz ta' sistema ta' azzjonijiet ikkoordinati, u b'hekk iżidu mal-inizjattivi li għaddejjin bħalissa taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)<sup>18</sup> id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina tal-UE (MSFD)<sup>19</sup> u l-Istrateġija Ewropea għall-plastiks<sup>20</sup>. L-attivitajiet ta' riċerka urew ukoll li l-esponiment għall-ħsejjes taħt l-ilma jista' jikkawża diversi tipi ta' effetti avversi fuq l-annimali tal-baħar, minn bidla fl-imġieba tagħhom sa mewthom. Il-Missjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew "oċeani, ibħra, ilmijiet kostali u interni b'saħħithom" ser tkun ta' importanza partikolari għall-konservazzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-Oċean Atlantiku u għall-iżgurar ta' kosti reżiljenti.

<sup>14</sup> <https://www.ipcc.ch/srocc/home/>

<sup>15</sup> Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima ngħata l-kompitu li jivvaluta l-evidenza xjentifika dwar it-tibdil fil-klima.

<sup>16</sup> <http://marine.copernicus.eu/2nd-ocean-state-report-available/>, <http://marine.copernicus.eu/3rd-ocean-state-report-now-available/>

<sup>17</sup> [www.copernicus.eu](http://www.copernicus.eu)

<sup>18</sup> Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (il-"Konvenzjoni OSPAR") kienet miftuħa għall-iffirmar fil-laqgħa Ministerjali tal-Kummissjonijiet ta' Oslo u Pariġi f'Pariġi fit-22 ta' Settembru 1992. Din ġiet adottata flimkien ma' dikjarazzjoni finali u pjan ta' azzjoni. Il-ħames Stati Membri tal-UE kollha li jipparteċipaw fl-istrateġija għall-Atlantiku huma membri tal-OSPAR.

<sup>19</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32008L0056>

<sup>20</sup> COM/2018/028

Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati hawn fuq, il-pilastru jinkludi **żewġ għanijiet speċifiċi** u sett ta' azzjonijiet konkreti.

## Għan nru 6: Reżiljenza kostali aktar b'saħħitha

### Azzjonijiet

- ▶ Il-wiri ta' sistema komprensiva ta' twissija u ta' osservazzjoni għaż-żieda fil-maltempati u fl-għargħar minħabba t-tibdil fil-klima
- ▶ L-iżvilupp ta' sinerġiji bejn infrastrutturi eżistenti tal-UE għall-osservazzjoni u l-protezzjoni kostali, kif ukoll għat-twissija u l-monitoraġġ u ż-żieda fl-iżvilupp ta' osservatorji tal-oċean *in situ*
- ▶ L-iżvilupp ta' spazji għall-ittejtjar, żoni pilota għall-ittejtjar ta' metodi ta' protezzjoni kostali u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura
- ▶ Promozzjoni ta' prattiċi sostenibbli fit-turiżmu kostali u marittimu
- ▶ Il-ġbir ta' inventarju ta' strateġiji u miżuri nazzjonali u reġjonali ta' adattament kostali għat-tibdil fil-klima, marbuta mal-valutazzjonijiet tar-riskju u mal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju, u l-qsim tal-aħjar prattiċi
- ▶ Il-ħolqien ta' kampanji ta' informazzjoni għall-komunitajiet kostali tal-Atlantiku
- ▶ L-edukazzjoni liż-żgħażaġh u lill-komunitajiet kostali dwar l-evoluzzjoni tal-kosta u dwar il-modi kif wieħed jadatta għaż-żieda fil-livell tal-baħar
- ▶ Il-qsim tal-aħjar prattiċi dwar l-applikazzjoni tal-ippjanar tal-ispazju marittimu għall-adattament kostali, ir-reżiljenza, u l-valutazzjonijiet ambjentali applikabbli (VIA<sup>21</sup>, SEA<sup>22</sup>, AA<sup>23</sup>).
- ▶ L-immappjar tal-artijiet mistaġħdra kostali għall-preservazzjoni u għall-monitoraġġ tar-rwol tagħhom bħala bjar tal-karbonju

## Għan nru 7: Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar

### Azzjonijiet

- ▶ L-iżvilupp ta' proġett pilota ta' komunitajiet kostali "mingħajr skart"

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1-21, [kif emendata](#) bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014, ĠU L 124, 25.4.2014, p. 1-18.

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30-37.

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.07.1992, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 15, Vol. 2, p. 102, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/62/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 ĠU L 305, 8.11.1997, p.42, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 15, Vol. 4, p. 3, ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003, ĠU L 31.10.2003, p.1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 1, Vol. 4, p. 447, id-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE tal-20 ta' Novembru 2006, ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368, id-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013, ĠU L 158, 10.6.2013, p. 193.

- ▶ Isir użu mill-għodod disponibbli biex jiġu identifikati s-sorsi, il-mogħdijiet u l-hotspots ewlenin tal-iskart fil-baħar, kif ukoll it-tniġġis aċċidentali jew intenzjonat
- ▶ Il-promozzjoni ta' azzjonijiet ta' negozju bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari, l-iżvilupp ta' inċentivi u skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali
- ▶ It-tnedija ta' azzjonijiet konġunti biex jippromwovu l-perċezzjoni pubblika tal-problema, pereżempju ġranet tal-bajjiet fejn il-komunitajiet jiltaqgħu biex inadddu l-bajja
- ▶ Il-promozzjoni ta' azzjonijiet tas-sajd għall-iskart sabiex is-sajjieda kollha jitħeġġu jtellgħu fuq l-art l-iskart maqbud fix-xbieki tagħhom matul l-operazzjonijiet normali tas-sajd tagħhom
- ▶ Jittieħed l-impenn taħt OSPAR biex jiġu implimentati azzjonijiet kollettivi tal-pjan ta' azzjoni reġjonali dwar l-iskart fil-baħar
- ▶ Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni kkoordinata u effettiva ta' azzjonijiet kontra l-iskart fil-baħar u l-ħsejjes taħt l-ilma meħtieġa skont l-MSFD għall-Istati Membri tal-UE
- ▶ L-appoġġ tal-ħidma taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u tal-Ftehimiet ta' Bonn u ta' Lisbona għall-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons effettivi għal tniġġis intenzjonat u aċċidentali
- ▶ Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost is-setturi għal rispons ikkoordinat fuq il-baħar u fuq il-kosta

## 4. IL-GOVERNANZA TAL-PJAN TA' AZZJONI

### 4.1. KOORDINAZZJONI

**Il-koordinazzjoni politika** hija f'idejn il-ministri maħtura mill-pajjiżi parteċipanti responsabbli għall-affarijiet marittimi. L-Istati Membri jiddefinixxu l-linji gwida politiċi ġenerali (inkluża l-ġeografija tal-istrateġija għall-Atlantiku), iqisu l-implimentazzjoni u jenfasizzaw is-sjieda tal-inizjattiva. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, li jespandu s-sħubija fl-istrateġija għall-Atlantiku għal kwalunkwe Stat interessat.

**Il-koordinazzjoni operattiva** hija żgurata mill-Kumitat għall-Istrateġija għall-Atlantiku li jaġixxi, fil-funzjonijiet tiegħu, bħala korp (eżekuttiv) li jieħu d-deċiżjonijiet tal-pjan ta' azzjoni u jiżgura l-involviment xieraq tar-rappreżentanti tar-reġjuni kostali (f'konformità mal-qafas kostituzzjonali rispettiv tal-Istati Membri tal-UE). Rappreżentanti tal-korpi rilevanti ta' finanzjament, kif ukoll korpi oħra, jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fuq bażi ta' każ b'każ (pereżempju abbażi tal-aġenda tal-laqgħa). Il-Kummissjoni Ewropea hija membru permanenti f'dan il-Kumitat.

Arranġamenti ta' ħidma apposta se jiddefinixxu l-modalitajiet, ir-rwoli u r-regoli ta' proċedura eżatti fil-korpi ta' governanza.

### 4.2. IMPLIMENTAZZJONI U RAPPORTAR

Dan il-pjan ta' azzjoni huwa stedina biex ir-reġjuni kostali, is-settur privat, ir-riċerkaturi, il-korpi pubbliċi nazzjonali u atturi oħra jibdew ifasslu proġetti li jwieġbu għall-għanijiet. Is-

sħubijiet eżistenti u ġodda fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE għandhom jużaw l-umbrella tal-pjan ta' azzjoni għall-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni.

Sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni effettiva, għandhom jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet ewlenin, b'deċiżjonijiet ċari meħuda fi stadju bikri. Dawn il-kundizzjonijiet huma li ġejjin:

- l-Istati Membri għandhom japprovaw il-pjan ta' azzjoni rivedut qabel ma jkun jista' jiġi implimentat; il-pajjiżi parteċipanti għandhom jirrikonoxxu li l-prijoritajiet tal-pjan ta' azzjoni huma mifruxa f'politiki, f'ministeri u f'livelli tal-gvern; huma jistabbilixxu l-prijoritajiet, jieħdu s-sjeda u r-responsabbiltà, jallinjaw il-politiki u l-fondi fil-livelli nazzjonali u reġjonali, u jinkoraġġixxu l-parteeipazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali, tal-investituri privati fi ħdan il-mekkaniżmi u l-oqfsa eżistenti u jipprovdu l-mezzi u r-riżorsi rilevanti, abbażi tal-kapaċità tal-pajjiż;
- il-Kumitat għall-Istrateġija għall-Atlantiku perjodikament jirrevedi u jaġġorna l-pjan ta' azzjoni (jiġifieri jiddefinixxi u jaġġorna l-oqsma prijoritarji tiegħu) u jipproponi/japprova azzjonijiet ewlenin u jista' jimmarka l-proġetti;
- il-Kummissjoni Ewropea tippromwovi approċċ strateġiku fil-livell tal-UE, inkluża l-koordinazzjoni u, sa fejn ikun possibbli, l-allinjament tal-finanzjament ma' inizjattivi u strumenti eżistenti relatati mal-UE<sup>24</sup> rilevanti għall-pilastru u l-azzjonijiet miftiehma;
- il-gvernijiet jimmonitorjaw u jevalwaw il-progress nazzjonali fil-livell tal-pajjiż kif xieraq, inkluż bl-appoġġ tal-mekkaniżmu ta' assistenza tal-Atlantiku, u jipprovdu gwida għall-implimentazzjoni;
- il-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-atturi ekonomiċi u soċjali, is-soċjetà ċivili, l-akkademiċi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ikunu involuti; anki l-avvenimenti pubbliċi ser jippromwovu dan l-involviment (pereżempju fora annwali, avvenimenti minn negozju għal negozju u avvenimenti ta' preżentazzjoni/finanzjament personalizzat (speed-funding));
- il-Kumitat għall-Istrateġija għall-Atlantiku ser jagħmel użu minn monitoraġġ perjodiku u tal-progress biex jirrapporta fil-livell politiku, u ser ikun responsabbli biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni;
- mekkaniżmu ta' assistenza dedikat se jipprovdi appoġġ bil-quddiem lill-Istati Membri tal-UE u jgħin fl-implimentazzjoni tal-għanijiet taħt kull pilastru; l-appoġġ għandu jinkludi wkoll l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u għajna lilhom biex isibu sħab, u l-għir ta' kwalunkwe *data* meħtieġa biex jiġu stabbiliti l-linji bażi, isir monitoraġġ u rapportar dwar il-progress, u jinżamm iċ-ċentru tad-*data* marittima dwar l-Atlantiku<sup>25</sup>;
- il-komunikazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku u l-istrateġija marittima ġenerali tal-Atlantiku hija responsabbiltà kondiviża mill-UE u l-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha – nazzjonali, reġjonali u lokali; il-mekkaniżmu ta' assistenza se jiżviluppa u jikkoordina approċċ ta' komunikazzjoni konsistenti fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE.

<sup>24</sup> Soġġett u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proċeduri u tal-kriterji ta' valutazzjoni għall-fondi, il-programmi u l-proġetti kkonċernati.

<sup>25</sup> <https://maritime.easme-web.eu/>

Qafas dedikat ta' monitoraġġ u evalwazzjoni se jkun qed jintraċċa l-progress tal-pjan ta' azzjoni u jgħin biex jiġi vvalutat sa liema punt il-pjan ta' azzjoni qed jilħaq l-għanijiet tiegħu. Ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni kontinwa se jinfurmaw l-emendi potenzjali tal-pjan ta' azzjoni fil-futur.

### **4.3. IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-FONDI U TAL-FINANZJAMENT**

Ma ġie allokat l-ebda finanzjament fil-baġit tal-UE għall-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku. Il-pjan se jiddependi l-aktar fuq kwalunkwe fond u strument ta' finanzjament nazzjonali u Ewropew rilevanti għall-għanijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu mobilizzati. Iż-żmien tal-pjan ta' azzjoni huwa mfassal biex jispira lill-awtoritajiet ta' ġestjoni mill-Istati Membri tal-UE u lir-reġjuni kostali meta jkunu qed jiformulaw il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tagħhom li huma pjanati li jiġu ffinalizzati qabel tmiem l-2020.

Waqt li tħares lejn il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2021-2027), il-Komunikazzjoni tesplora x'finanzjament huwa meħtieġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess tal-azzjonijiet identifikati. Dan se jinvolvi taħlita ta' investiment pubbliku mill-baġit nazzjonali u dak Ewropew kif ukoll minn flus privati.

L-Istati Membri tal-UE u r-reġjuni kostali tagħhom jistgħu jibbażaw fuq:

- il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) b'mod partikolari:
  - il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u
  - il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), inklużi l-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea
- il-programmi ta' rċerka Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa,
- il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME),
- il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-infrastruttura,
- il-programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażaġħ u Sport Erasmus+,
- il-programm LIFE għall-ambjent u l-klima,
- il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, fuq talba għal appoġġ finanzjarju u tekniku,
- il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili għall-prevenzjoni u t-tħejjija għal riskji transkonfinali, u għat-tniġġis tal-baħar fuq il-baħar u fuq l-art.

Il-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali, speċjalment il-programm Interreġjonali għaż-Żona tal-Atlantiku, jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni transnazzjonali li dan il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jikseb.

L-UE għandha l-għan li tipprova proporzjon għoli ta' appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji. Bejn l-2013 u l-2017, il-Bank Ewropew tal-Investment ipprova kważi EUR 3 biljun f'self għal proġetti dwar il-konnettività u t-teknoloġiji ekoloġiċi fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE, u sar it-tieni l-akbar sors ta' finanzjament wara l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kkontribwixxa wkoll billi pprova garanziji li jnaqqsu r-riskju għall-investituri pubbliċi u privati. Dawn is-self u l-garanziji ġew imħallta ma' għotjiet mill-programmi tal-UE. Il-pjattaforma BlueInvest, li bdiet topera f'Settembru 2019, qed tgħin lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex ikollhom aċċess għall-finanzi. Dan se jippermettilhom li jwasslu prodotti jew servizzi ġodda lis-suq permezz ta' taħriġ fil-prontezza tan-negozju u għotjiet għal attivitajiet bħal żvilupp ulterjuri jew wirjiet. Il-proposta tal-Kummissjoni għal suċċessur għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

għall-2021-2027, il-programm InvestEU, se jkollha enfasi akbar fuq l-ilħuq tal-għanijiet tal-UE bħad-dekarbonizzazzjoni jew l-ekonomija ċirkolari.

## 5. LINKS USA' U BREXIT

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ma teħtiegħ bidliet fil-leġislazzjoni tal-UE. Il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jsaħħaħ il-politiki tal-UE rilevanti għaż-żona tal-Atlantiku tal-UE u li jżid is-sinerġiji bejniethom sabiex jappoġġa ekonomija blu sostenibbli, reżiljenti u kompetittiva fiż-żona tal-Atlantiku tal-UE. Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-politiki u l-programmi tal-UE li jittrattaw il-portijiet u l-konnettività<sup>26</sup>, l-enerġija minn sorsi rinnovabbli<sup>27</sup>, l-edukazzjoni u l-ħiliet<sup>28</sup>, il-mitigazzjoni u b'mod partikolari, l-azzjonijiet tal-Aġenda għall-Ħiliet, l-adattament għat-tibdil fil-klima<sup>29</sup>, l-ambjent<sup>30</sup> u r-riċerka u l-innovazzjoni<sup>31</sup>.

It-twessigħ tal-bażi ta' appoġġ għall-pjan ta' azzjoni jissuġġerixxi ħidma ma' netwerks magħrufa sew sabiex ikun hemm impenn ma' gruppi speċjalizzati ta' partijiet ikkonċernati, bħan-Netzwerk Enterprise Europe<sup>32</sup>, FARNET<sup>33</sup>, raggruppamenti reġjonali u lokali. Se jiġu mfittxija sinerġiji ma' korpi intergovernattivi oħra, bħall-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal<sup>34</sup> u l-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Trans-Atlantiku<sup>35</sup> li l-firxa ġeografika u l-ambitu tagħha huma simili għal dawk tal-pjan ta' azzjoni.

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ma baqax membru tal-Unjoni Ewropea. L-istatus ta' pajjiż terz se jiddetermina l-ambitu u t-termini tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-pjan ta' azzjoni għall-Atlantiku.

## 6. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex japprovaw il-pjan ta' azzjoni u l-gwida stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jipprovdu l-Opinjoni tagħhom dwar din l-inizjattiva.

<sup>26</sup> Qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32017R0352>

<sup>27</sup> Direttiva riveduta dwar l-enerġija minn sorsi rinnovabbli: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018L2001&from=MT>

<sup>28</sup> Aġenda Għda għall-Ħiliet għall-Ewropa: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0381&from=MT>

<sup>29</sup> Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52019DC0640>

<sup>30</sup> MSFD, VIA, SEA u AA għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta

<sup>31</sup> [https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/oceans-and-seas\\_mt](https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/oceans-and-seas_mt)

<sup>32</sup> <https://een.ec.europa.eu/>

<sup>33</sup> [https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet2/node\\_en](https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet2/node_en)

<sup>34</sup> <https://www.ospar.org/convention>

<sup>35</sup> <https://www.atlanticresource.org/aora/site-area/background/howweare>